MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2012

Numru. 6/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Joseph Bugeja
Peter Bugeja
Lawrence Bugeja**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmija **Joseph Bugeja**, bin John u Nicolina neé Grima, imwieled fit-8 ta' Jannar 1963 u residenti fil-fond Joemar, Triq il-Merkanti, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 80884(G), **Peter Bugeja**, bin John u

Nicolina neé Grima, imwieled fil-31 ta' Awwissu 1972 u residenti fil-fond Sweet Dreams, Triq il-Merkanti, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 22772(G) u **Lawrence Bugeja,** bin John u Nicolina neé Grima, imwieled fis-6 ta' Novembru 1965 u residenti fil-fond Paradise, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 55584 (M)

li gew akkuzati talli;

1. fil-kwalita taghhom ta' *partners* (shab) u/jew rapprezentati guridici tas-socjeta *en nom collectif*, Bugeja Fishmarket (P-1199) b'indirizz registrat Bugeja Fishmarket, Mgarr Road, Ghajnsielem, Ghawdex u/jew bhala l-persuni li kienu nkarigati mill-istess socjeta' *en nom collectif*, sabiex ihallsu l-pagi dovuti, naqsu li jhallsu l-pagi dovuti, naqsu jhallsu *vacantion leave*, *bonus*, *overtime* u *weekly allowance* fl-ammont ta' erbat elef, mija u sitta u hamsin Euro u tmienja u erbghin (€ 4156.48) dovuti lil ex impjegat tas-socjeta hawn fuq imsemmija, u cioé lil Giovann Buttigieg fit-30 ta' Gunju 2009 meta l-impjieg tieghu gie terminat.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tordna lill-imputati jhallsu l-penali skond il-ligi, u kif ukoll tordna lill-imputati, *ai termini* tal-Artikolu 45(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta li jhallas lill-persuna hawn fuq imsemmija l-ammont ta' erbat elef mija u sitta u hamsin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€ 4156.48) ghar-ragunijiet hawn fuq specifikati.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ;

Semghet il-provi u t-trattazzjoni ;

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li Giovann Buttigieg ghamel xi zmien jahdem mas-socjeta' *en nom collectif* « Bugeja Fishmarket » (P 1199). Giovann Buttigieg jghid li kien meta huwa talab lill-imputat Joseph Bugeja sabiex ikun jista' jevalwa mill-fakulta tal-*leave*, Buttigieg rcieva *cold shoulder* u li sussegwentment l-impieg ta' Buttigieg gie tterminat. Jghid

ukoll, fost l-ohrajn, li f'sitt snin, huwa qatt ma thallas ghal *leave*, *sick leave* jew *bonuses*. Minn naha l-ohra, l-imputat Joseph Bugeja qal li Giovann Buttigieg irrizenja minn jeddu u li ma kienx minnu li gie mkecci. Jghid ukoll li kienet bil-volonta tieghu (ta' Giovann Buttigieg) li Giovann Buttigieg kien qed jahdem bil-*minimum wage*. A rigward l-imputat Peter Bugeja, dan qal li huwa ma kienx involut fid-decizjonijiet mehuda minn hutu, l-imputati l-ohra. A rigward Lawrence Buttigieg, dan ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti, jirrizulta li s-socjeta' *en nom collectif* « Bugeja Fishmarket » kienet ghaddejja minn qsim. Jirrizulta, fost l-ohrajn, li l-ftehim tax-xoghol ta' Giovann Buttigieg, inkluz meta giet diskussa l-paga tieghu, dan kollu sar ma' Joseph Bugeja. Jirrizulta wkoll li l-imputat Peter Bugeja ma kellux x'jaqsam mad-decizjonijiet mehuda.

Artikolu 46 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk :

"Meta reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi regolamenti jew ordnijiet maghmula bis-sahha tieghu jsir minn socjetà, kumpannija, ghaqda jew korp iehor ta' persuni, kull persuna li fiz-zmien li jkun sar ir-reat, kienet direttur, *manager*, segretarju jew ufficjal iehor bhal dawk ta' dik is-socjetà, kumpannija, ghaqda jew korp iehor ta' persuni jew kienet tidher li qed tagixxi f'xi kariga tali titqies li tkun hatja ta' dak ir-reat jekk ma tippruvax li r-reat **sar minghajr it-taghrif taghha u li kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-ghemil tar-reat**" [emfazi mizjuda]

Illi wara li l-Qorti qrat bir-reqqa dan l-Artikolu u kif ukoll is-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. George Barbaro Sant"** (deciza fit-18 ta' Ottubru 2007) u **"Il-Pulizija vs. Cajetan Cilia et"** (deciza fl-24 ta' Novembru 2010), il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat

Peter Bugeja ghandu jigi liberat mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dana ghar-raguni li l-allegat reat sar minghajr taghrif tieghu u li huwa kien ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jimpedixxi l-ghemil tar-reat.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-rigward tal-imputati l-ohra, Joseph Bugeja u Lawrence Bugeja, il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha kontra l-imsemmija imputati u dan jirrizulta mix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-dokumenti esebiti minnha (mill-Prosekuzzjoni). Illi ma jirrizultax li Giovann Buttigieg thallas ghal dak li huwa kien intitolat ghalih, cioé ghal *vacation leave*, *bonus*, *overtime* u *weekly allowance*. Gie mressaq bhala xhud mill-Prosekuzzjoni certu Fabian Tagliaferro li xehed fuq l-istess linji ta’ Giovann Buttigieg. Minkejja li fit-trattazzjoni tal-avukat difensur ta’ Joseph Bugeja, nghad li Giovann Buttigieg qed jipprova jiehu vantagg minn xi illegalijiet tieghu, dan ma jirrizultax.

Ghaldaqstant, il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, filwaqt li tillibera lill-imputat Peter Bugeja mill-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, wara li rat Artikoli 5, 15 u 45 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputati Joseph Bugeja u Lawrence Bugeja hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u tikkundannahom multa ta’ mitejn u hamsin Euro (€ 250.00) kull wiehed u tordna li sa zmien xahar millum l-imputati Joseph Bugeja u Lawrence Bugeja jhallsu lil Giovann Buttigieg is-somma ta’ erbat elef, mija u sitta u hamsin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€ 4156.48).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------